MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 806/2003/1

**Godwin Young, Mary Elizabeth Gauci u Antoinette Grech**

***Versus***

**Joseph Gialanze**

Il-qorti:

Rat ir-rikors tas-6 ta’ Ġunju 2003 li bih ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tordna illi jitmexxew proċeduri kontra l-intimat għal disprezz lejn l-awtorità tagħha wara li l-istess intimat għamel xogħol li kien miżmum milli jagħmel b’mandat ta’ inibizzjoni;

Rat l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni, it-tweġiba ta’ l-intimat u r-relazzjoni tal-perit maħtur minnha;

Qieset ix-xhieda mogħtija mill-partijiet;

Rat l-art. 1003A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Billi *prima facie* jidher illi l-intimat kompla bix-xogħlijiet li kien miżmum milli jagħmel wara illi kien notifikat bil-

mandat ta’ inibizzjoni, tordna lir-reġistratur jibda kontra l-intimat il-proċedimenti meħtieġa minħabba disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------